***- APPALT—***

***- LEGITTIMU KONTRADITTUR -***

***- SEJHA GHALL-OFFERTI-***

***- ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA -***

***- KAP 174 -***

***- REGOLAMENTI TA' L-1996 DWAR L-AKKWISTI LI JSIRU MIS-SERVIZZ PUBBLIKU; A.L.70 TAL-1996 -***

***- AVVIZ LEGALI 40 TAL-1966 -***

***- ATT DWAR L-EDUKAZZJONI; KAP 327-***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001

**Kawza Numru: 22**
**Citazzjoni Numru: 513/1996/RCP.**

**Vassallo Builders Limited illum maghrufa bl-isem Vassallo Builders Group Limited.**

**vs**

**Profs. Rev. Peter Serracino Inglott bhala Rettur ghan-nom u in rappresentenza tal-Universita' ta' Malta u b'nota tal-24 ta' Settembru 1996, l-Universita' ta' Malta assumiet l-atti tal-kawza minflok il-Professur Reverendu Peter Serracino Inglott nomine u b'digriet tas-26 ta' Mejju 1997 gew kjamati fil-kawza l-Accountant General u d-Direttur tal-Kuntratti u b'digriet tat-18 ta' Mejju 1998 gie kjamat in kawza d-Direttur tat-Tezor.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenut nomine fis-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u disghin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm1,394.72), bhala bilanc minn ammont akbar, rappresentanti valur

ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni ezegwiti mis-socjeta' attrici b'inkarigu tal-konvenut nomine fl-Universita' ta' Malta, Msida in konnessjoni ma' *"Contract for Foundation Masonry and Excavation Work at the Lecture Centre Phase II University of Malta, Tal-Qroqq, Msida"*, u dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti immarkati rispettivament Dok. "A" u Dok. "B".

Illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas inkluza talba permezz ta' ittra bonarja datata 31 t'Ottubru 1994 (Dok. "C") u ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 1995 (Dok. "D"), il-konvenut nomine baqa' inadempjenti u ma hallasx.

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tikkundanna lill-entita' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u disghin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm1,394.72), bhala bilanc minn ammont akbar, rappresentanti valur ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni ezegwiti mis-socjeta' attrici b'inkarigu tal-konvenut nomine fl-Universita' ta' Malta, Msida in konnessjoni ma' *"Contract for Foundation Masonry and Excavation Work at the Lecture Centre Phase II University of Malta, Tal-Qroqq, Msida"*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 31 t'Ottubru 1994 u tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 1995, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut nomine ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 7 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 8 sa 12 tal-process;

Rat in-Nota tal-assunzjoni tal-atti da parte tal-Universita' ta' Malta a fol. 15 tal-process.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-Universita' konvenuta a fol. 17 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-Univerisita' giet malament azzjonata mill-atturi billi dawn ghandhom biss relazzjoni mad-Direttur tal-Kuntratti tal-Gvern ma min sar il-kuntratt li ta lok ghal din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 17 tal-process.

Rat il-lista ta- xhieda u dokument esebit a fol. 18 u 19 tal-process.

Rat il-verbal tas-26 ta' Settembru 1996, 9 ta' Dicembru 1996, 10 ta' Marzu 1997, u 26 ta' Mejju 1997 fejn il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza tal-*Accountant General* u d-Direttur tal-Kuntratti.

Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet tal-Kjamati fil-kawza *l-Acting Accountant General* u d-Direttur tal-Kuntratti fejn ecceppew:-

(1) Illi huma mhux il-legittimi kontradittur f'din il-kawza ghaliex m'ghandhom x'jaghtu xejn lid-ditta attrici. Il-post ta' *Accountant General* illum inbidel f'dak tad-Direttur tat-Tezor li nqata' ghal kollox mid-Direttur tal-Kuntratti. Dan johrog mill-*Public Service (Procurement) Regulations, 1996* fejn fid-definizzjoniet, il-kelma 'Direttur' hija limitatata biss ghall-Kap tad-Dipartiment tal-Kuntratti (regolament numru 2) waqt li r-regolament 5 ghandu x'jaqsam mad-Direttur tal-Kuntratti biss. (Avviz Legali Numru 70 ta' l-1996). Ix-xoghol tad-Direttur tal-Kuntratti kien biss li jaghti l-*award.* Ghaldaqstant kemm l-*Acting "Accountant General"* kif ukoll id-Direttur tal-Kuntratti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni annessa mal-istess eccezzjonijiet a fol. 28 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 28 u 29 tal-process.

Rat il-verbali tas-7 ta' Novembru 1997, 25 ta' Frar 1998, u 18 ta' Mejju 1998 fejn il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawza tad-Direttur tat-Tezor.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 1998.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza id-Direttur tat-Tezor fejn ecceppixxa :-

(1) Illi huwa mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante li d-Direttur tat-Tezor, la huwa responsabbli mill-ghazla ta' dan il-kuntratt u lanqas ghal xi hlasijiet fejn tkun involuta' l-Universita'.

Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta' xhieda a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbali tal-21 ta' April 1999 fejn il-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici u d-Digriet tas-26 ta' April 1999 fejn il-kawza giet riappuntata ghas-17 ta' Jannar 2000.

Rat il-verbal tas-17 ta' Jannar 2000, 31 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbal tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza giet a konjizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha attrici ghat-12 ta' Dicembru 2000.

Rat il-verbal tat-12 ta' Dicembru 2000 fejn xehed Dr. Aldo Vella ghas-socjeta' attrici, u ddikjara li ma ghandux provi izjed, u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuti ghall-15 ta' Frar 2001, b'digriet sabiex il-konvenuti jipprezentaw l-affidavits taghhom f'terminu ta' hamsin (50) gurnata mid-data tal-istess seduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2001 fejn xehed Nazzareno Vassallo, mhux oppost, u Dr. Aldo Vella ddikjara li s-socjeta' attrici ma ghandhiex iktar provi, u ghalhekk il-presentata tal-affidavits konvenuti giet estiza ghall-perjodu ulterjuri ta' hamsin (50) gurnata u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenuti ghad-29 ta' Mejju 2001 fil-11.00.a.m.

Rat il-verbal tad-29 ta' Mejju 2001 fejn il-konvenuti naqsu li jressqu provi u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2001 bil-fakolta ta' noti ta' osservazzjonijiet.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din l-azzjoni attrici qed issir stante li s-socjeta attrici qed tallega li hija kreditrici tal-Universita' konvenuta fis-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u disghin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm1,394.72), bhala bilanc minn ammont akbar, rappresentanti valur ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni ezegwiti mis-socjeta' attrici b'inkarigu tal-konvenut nomine fl-Universita' ta' Malta, Msida in konnessjoni ma' *"Contract for Foundation Masonry and Excavation Work at the Lecture Centre Phase II University of Malta, Tal-Qroqq, Msida"*, u ghalhekk qed titlob il-hlas tal-istess.

Illi l-unika eccezzjoni li hemm f'dan ir-rigward hija li l-istess Universita' ma hijiex il-legittima kontraditrici

stante li sostniet li kien id-Direttur tal-Kuntratti l-legittimu kontradittur.

Illi ghalhekk gew kjamati fil-kawza l-istess Direttur tal-Kuntratti, l-*Accountant General,* u d-Direttur tat-Tezor, li lkoll ecceppew li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in kwistjoni.

Illi entita' konvenuta ma gabet ebda provi dwar l-istess eccezzjonijiet minnha sollevati u ghalhekk l-istess eccezzjoni ma tistax tigi milqugha, peress li ghalkemm huwa l-oneru tal-istess entita' konvenuta li tipprova l-allegazzjonijiet taghha, hija baqghet ma ppresentat ebda prova kwalunkwe in sostenn tal-istess difiza taghha ghat-talbiet attrici u ghalhekk ma hemmx triq ohra hlief li l-istess eccezzjoni ta' l-Universita` ta' Malta bhala konvenuta tigi michuda.

Illi wkoll abbazi tal-atti processwali jirrizulta li gie ampjament pruvat li x-xoghol mertu tal-kawza odjerna sar fl-istess Universita' ta' Malta, u l-istess xoghol kien ta' natura sostanzjali kif jirrizulta mid-dokument a fol. 62 tal-process, fejn hemm dettaljatament indikati l-ammonti kollha, inkluzi dawk li thallsu mill-istess entita', u li jhalli bilanc dovut minnha lis-socjeta' attrici ta' Lm1,394.72 proprju l-mertu tal-kawza odjerna.

Illi mix-xhieda tal-**Avukat Dottor Aldo Vella** u wkoll ta' **Nazzareno Vassallo**, *Chairman* tas-socjeta' attrici jirrizulta li l-istess xoghol ta' bini fil-fatt sar fl-Universita' ta' Malta, taht id-direzzjoni tal-periti *"England & England"* inkarigati mill-istess Universita', tant li skond d-dokument imsejjah *"Tenth & Final Certificate of Payment",* esebit bhala Dok. "AV 1" a fol. 49 tal-process, mahrug proprju mill-Perit Albert Borg Costanzi ghal *"England & England"* hemm indikat li l-klijenti huma *"The Rector, University of Malta",* filwaqt li l-kuntrattur hija s-socjeta' attrici.

Illi inoltre jirrizulta mill-provi li l-ammont totali tax-xoghol kien ta' Lm106,505.00,0 skond dokument imsejjah *"Recapitulation Sheet"* mahrug mill-istess Perit Albert Borg Costanzi li huwa esebit a fol. 60 tal-process bhala Dok. "NV1" u l-bilanc dovut huwa ta' Lm1,394.72, skond kif jirrizulta mid-dokumenti "NV 2" a fol. 61 u 62 tal-process.

Illi minn dawn il-provi jidher car li x-xoghol sar fl-istess Universita' ta' Malta, u fuq inkarigu tal-istess Universita' u wkoll li l-pagamenti akkont kollha saru mill-istess Universita', anke ghaliex l-istess allegazzjoni da parte tac-*Chairman* tas-socjeta' attrici, Nazzareno Vassallo, ma giet bl-ebda mod ikkontestata u lanqas kontrdetta b'xi prova mill-entita' konvenuta.

Illi l-istess entita' konvenuta in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha, li hija ma ghandhiex relazzjoni mas-socjeta' attrici, esebit id-dokument *"E"* a fol. 19 tal-process fejn qed tallega li l-kuntratt ghall-istess xogholijiet sar bejn is-socjeta' konvenuta u d-Direttur tal-Kuntratti, proprju in forza tal-istess dokumenti.

Illi pero' minn ezami tal-istess dokument jirrizulta car u ovvju li l-istess dokument jikkonsisti biss f'komunikazzjoni mid-Direttur tal-Kuntratti lis-socjeta' attrici li t-*tender* taghha tal-5 ta' April 1990 gie fil-fatt accettat, u fil-fatt l-istess dokument huwa intestat bhala *"Acceptance of Tender: Masonry and Foundation Works at the Lecture Centre - Phase II - University."* U certament ma jikkonsistiex f'kuntratt ta' appalt kif donna qed tikkontendi l-enitita' konvenuta.

Illi dan huwa ikkonfermat mill-fatt li fl-istess *Acceptance of Tender* mahruga mit-Tezor u iffirmata minn Joseph Buttigieg ghan-nom tal-*Accountant General u Director of Contracts* hemm specifikat li wara tali accettazzjoni tat-tender kellu jigi ffirmat kuntratt relattiv, tant li jinghad li:

*"The day for the signing of the relative deed will be notified to you in due course".*

Illi mela allura jirrizulta car li d-dokument "E" esebit mill-entita' konvenuta ma jikkostitwiex *"kuntratt li ta lok ghal din il-kawza"* kif sostniet l-istess entita' konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, ghaliex fl-ewwel lok l-istess dokument ma huwa kuntratt xejn, izda *acceptance of tender* da parte tal-firmatarji taghha, u dan skond il-kundizzjonijiet tat-*tendering process* li kien jirregola tali sejha ghall-offerti.

Illi inoltre tali dokument ma huwiex kuntratt ta' appalt kif l-istess wiehed facilment jikkonstata mill-kontenut tieghu u fl-ahharnett lanqas huwa kuntratt *ut sic* ghaliex lanqas jinsab iffirmat mis-socjeta' attrici, izda assunzjoni ta' obbligazzjoni hemm indikata mill-firmatarji tal-istess skond il-kundizzjonijiet hemm esposti.

Illi ghalhekk huwa car li wiehed irrid jiddistingwi bejn il-process tas-sejha tal-offerti jew it-*tendering process* u l-kuntratt *ut sic* tal-appalt, u ovvjament iz-zewg relazzjonijiet guridici ma humiex l-istess u lanqas identici, u ghalhekk ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala il-medisimi; anzi huma stadji ghall-kollox differenti, u cioe' wahda li tikkonsisti fil-procedura determinata li twassal ghall-konkluzzjoni tat-trattivi dwar is-sejha tal-offerti, u l-ohra sostantiva li tikkonsisti fin-negozju proprju li jwassal ghar-relazzjoni guridika attwali, u l-kuntratt finali bejn il-

partijiet dwar ix-xoghol, servizzi jew fornitura ta' oggetti rikjesti. Illi din il-kawza titratta proprju dwar r-relazzjoni sostantiva bejn s-socjeta' attrici u l-entita' konvenuta ghall-esekuzjoni tax-xoghol ta' appalt da parte tas-socjeta' attrici fuq inkarigu u a beneficcju tal-entita' konvenuta, li hija ghalhekk l-legittimu kontradittur f'din l-azzjoni ghall-hlas tal-bilanc dovut konsegwenti ghall-istess xogholijiet.

Illi apparti dak kollu premess il-Qorti tinnota li saret riferenza ghar**-Regolamenti ta' l-1996 dwar Akkwisti li jsiru mis-Servizz Pubbliku** mahrug taht l-**Att Dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika (Kap 174)** li jipprovdi il-procedura li ghandha tigi segwita mill-Gvern, minn korporazzjonijiet pubblici u organizzazzjonijiet pubblici ohra li ghalihom japplikaw l-istess regolamenti skond **artikolu 3** tal-istess, sabiex issir sejha ghall-offerti ghall-*"l-akkwist ta' kull taghmir, hazna, xoghlijiet u servizzi"* mill-istess entitajiet, qabel ma jsir il-kuntratt definittiv skond l-**artikolu 10 tal-Avviz Legali 70 tal-1996.**

Illi infatti l-**artikolu 5 tal-Avviz Legali 70 tal-1996** jistabilixxi l-funzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, hemm krejat, fejn *inter alia* hija bazikament li jissorvelja u jmexxi l-istess process u kundizzjoni ghas-sejha tal-offerti fosthom li jistabilixxi l-kundizzjonijiet generali

tal-kuntratt, specifikazzjonijiet u kondizzjonijiet *standard,* jifli u japprova d-dokumenti tal-offerti, reklamar tal-istess, jifformula l-ftehim, jikkonsidra u japprova l-hatra ta' kuntratturi *etc* u dan dejjem bl-iskop li jsir l-*"akkwist ta' kull taghmir, hazna, xoghlijiet u servizzi mill-Gvern jew minn kull korp iehor li dawn ir-regolamenti japplikaw ghalih".*

Illi minn dan jirrizulta li ix-xoghol jew servizz accettat mid-Direttur tal-Kuntratti wara l-istess sejha ghall-offerti skond l-istess regolamenti fin-normalita' tal-kazi dejjem jirreferi u ghandu relazzjoni mal-entitajiet indikati fl-**artikolu 3** tal-istess, u d-debitur ikun ovvjament il-persuna jew entita' legali u pubblika li tkun irceviet l-istess servizzi jew oggetti, preferibilment *ai termini* ta' kuntratt li jigi konkluz wara l-istess procedura tas-sejha tal-offerti.

Illi l-istess principji kienu japplikaw bir-**Regolamenti tal-1966** li **artikoli 104 sa 108** taghhom gew imhassra bl-**artikolu 16 tal-Avviz Legali 70 tal-1996,** ghaliex dak li gie mibdul bl-ahhar imsemmija regolamenti huwa biss il-mod kif issir l-istess sejha ghall-offerti u kontroll li d-Direttur tal-Kuntratti llum ghandu fuq l-istess process fejn jidhlu entitajiet pubblici. Dan qed jinghad ghaliex l-*letter of acceptance of tender* harget minghand id-Direttur tal-Kuntratti u l-*Accountant*

*General* fuq *letter head* tat-Tezor fis-6 ta' Gunju 1990 u ghalhekk qabel l-istess regolamenti tan-1996.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-istess entita' konvenuta hija organizzazzjoni pubblika *ai termini* tal-**artikolu 3** tal-istess regolamenti, u kemm skond ir-regolamenti precedenti ghal dawk tan-1996, u fi kwalunkwe kaz jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-inkarigu ghall-istess xoghlijiet inghata mill-entita' konvenuta li bbenfikat direttament mill-istess xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna u dan kollox wara li saret is-sejha ghall-offerti mill-organi tal-Gvern kompetenti kif stabbiliti mill-fuq indikati regolamenti tal-1966 u 1996.

Illi din il-konkluzzjoni hija wkoll assodata mill-fatt li *ai termini* tal-**artikolu 28 (i) tal-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap 327)** l-istess Universita' ghandha d-dritt li *"tamministra l-fondi li jigu votati mill-Kamra tad-Deputati biex jitwettqu l-programmi taghha"* u *"li taghmel dak kollu necessarju sabiex jitwettqu l-ghanijiet taghha"* skond l-artikolu appena citat u ghalhekk skond l-istess Att inkluz id-disposizzjoni tal-**artikolu 30** tal-istess Universita' ghandha personalita' legali u guridika distinta, u tagixxi b'awtonomija u hija ghal kollox distinta mill-persuni l-ohra kjamati f'din il-kawza.

Illi allura abbazi tal-konkluzzjonijiet fuq raggunti jirrizulta li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tal-entita' universitarja konvenuta stante li rigward l-istess kuntratt ta' appalt l-unika relazzjoni li tezisti hija proprju dik mal-entita' konvenuta, u ghalhekk isegwi li l-kjamati fil-kawza kollha ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju stante li jirrizulta li d-Direttur tal-Kuntratti kien biss involut fil-process tas-sejha tal-offerti, u l-ohrajn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kaz in kwistjoni u ghalhekk ma humiex il-legittimi kontradditturi.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza l-*Accountant General,* Direttur tal-Kuntratti, u d-Direttur tat-Tezor, u allura tillibera lill-istess kjamati fil-kawza kollha mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-entita' konvenuta l-Universita' ta' Malta, minhabba li tali allegazzjoni minnha vantata hija infondati fil-fatt u fid-dritt, anke peress li mill-provi rrizulta li hija l-legittimu kontradittur tal-azzjoni attrici, **tilqa' it-talbiet attrici** kif hawn indikat fil-konfront tal-istess entita' konvenuta, l-Universita' ta' Malta, b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-entita' konvenuta, l-Universita' ta' Malta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u erbgha u disghin liri Maltin u tnejn u sebghin centezmi (Lm1,394.72), bhala bilanc minn ammont akbar, rappresentanti valur ta' xogholijiet ta' kostruzzjoni ezegwiti mis-socjeta' attrici b'inkarigu tal-istess entita' konvenuta, fl-Universita' ta' Malta, Msida in konnessjoni ma' *"Contract for Foundation Masonry and Excavation Work at the Lecture Centre Phase II University of Malta, Tal-Qroqq, Msida"*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 31 t'Ottubru 1994 u tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 1995, u tal-kjamati fil-kawza d-Direttur tal-Kuntratti, l-*Accountant General,* u d-Direttur tat-Tezor u bl-imghax legali mid-data tat-12 ta' Ottubru 1992 sal-effettiv pagament kollha kontra l-entita' konvenuta, l-Universita' ta' Malta esklussivament.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2001**